Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 7/2016

**De Vere & Partners Holding Ltd (appellanta)**

**Vs**

**Annette Caruana (appellata)**

19 ta' Mejju, 2017.

1. L-attrici harrket lill-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghas-somma ta' €5,348.52, paga li rceviet matul il-*maternity leave*. Ir-rifuzjoni ntalbet peress li l-attrici ssostni li l-konvenuta ma rritornatx lura ghax-xoghol u ghalhekk invokat l-artikolu 36(20) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452).

2. Fl-ewwel eccezzjoni l-attrici qalet li l-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 1027 u 2153 tal-Kodici Civili.

3. L-ewwel qorti laqat l-ewwel eccezzjoni wara li qalet:

   *"Illi s-socjeta attrici resqet bhala prova nota a folio 13 tal-process b'kopja ta' skambju ta' emails, u targumenta li minn hemm jirrizulta li l-intimata rrinunzjat ghall-preskrizzjoni.*

   *Illi l-qorti hija tal-fehma li dan l-iskambju ta' emails juri li l-partijiet kienu qed jipprovaw jaslu ghall-ftehim li pero' ma mmaterjalizzax stante illi l-intimata ma komplitx tikkomunika ma' Sarah Sammut ghan-nom tas-socjeta attrici, tant illi l-ahhar email a folio 14 mibghut ghan-nom tas-socjeta attrici jghid: 'Gentle reminder'.*

   *Illi l-qorti ma tistax taqbel illi dawn l-emails isarrfu f'rinunzja ghall-preskrizzjoni, anke fid-dawl tal-fatt illi, fejn partijiet jippruvaw jiftehmu fuq il-pendenza ta' bejniethom minghajr procedura fil-Qorti izda tali ftehim fil-fatt ma jsehhx, dan ma jistax jingieb bhala prova kontra parti jew ohra stante illi t-tentattivi sabiex jintlahaq ftehim ikunu minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet".*

4. L-attrici appellat mis-sentenza. L-aggravju hu li kuntrarjament ghal dak li stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha l-partijiet ma kienux qeghdin jippruvaw jiftehmu fuq pendenza ta' bejniethom sabiex tigi evitata kawza imma kien qieghed jigi diskuss akkordju dwar kif ammont dovut mill-intimata appellata kellu jithallas. L-azzjoni tal-attrici m'hijiex preskritta ghaliex inkisret bl-gharfien, min-naha tal-konvenuta, tad-dritt tal-attrici li tesigi l-hlas ta' dak li kienet qed tippretendi li hu dovut u kawza tal-fatt li l-konvenuta rrinunzjat espressament ghal kull preskrizzjoni meta accettata li l-ammont kien dovut.

5. Il-konvenuta pprezentat twegiba fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. Il-qorti tosserva:

   i. Skont dokument li pprezentat l-attrici stess, jirrizulta li fit-30 ta' Gunju 2013 irrizenjat mill-impieg li kellha mal-attrici.

   ii. B'email datata 27 ta' Mejju, 2015, l-attrici regghet talbet il-hlas li l-konvenuta rceviet matul il-*maternity leave*. Infurmata wkoll li kienet disposta li l-hlas isir permezz ta' pagamenti fix-xahar fl-ammont ta' €297.14. Il-konvenuta wiegbet permezz ta' email datata 4 ta' Gunju, 2015 fejn fost'affarijiet ohra qalet:

   *"I might sound impolite, but as you may well recall I have been calling you on a weekly basis (till January 2015 for a period of 6 months) in order to be given a starting date for a full time post so I may pay the dues while working. At least this was the verbal agreement between Bev and me…….*

   *As everyone can vouch, I honestly gave my best at DeVere, being in the monthly reports, optimising monthly reports, implementing efficient bank reconciliations/systems for the whole accounts department plus other ad hoc reports. Moreover, I had managed to find and recover €10,000 which otherwise would have been lost as no one knew about this account. But I guess this is how I will be rewarded.*

   ***Given the above facts, I sincerely think that I should not be burdened with such a hefty amount, but this amount should at least be equally shared between us**.*

   *These are my thoughts.*

   ***If you disagree with may proposal, please send me the bank details**".*

   iii. Mill-email tal-4 ta' Gunju, 2015 hemm ammissjoni tal-konvenuta, li hi cara daqs il-kristall, li hi debitrici tal-attrici. Ghal finijiet ta' rinunzja jew interuzzjoni ta' preskrizzjoni m'huwiex rilevanti per ezempju li debitur jikkontesta l-*quantum* li effettivament ghandu jhallas. Mela jekk ghall-grazzja tal-argument kellhom japplikaw is-sentejn kontemplati fl-artikoli 1027 jew 2153 tal-Kodici Civili, sehhet interruzzjoni tal-preskrizzjoni u l-perjodu rega' beda jiddekorri mill-gdid.

   iv. Ma taqbilx mal-ewwel qorti mar-ragunament li l-iskambju tal-korrispondenza saret bla pregudizzju. F'dan il-kaz l-iskambju ma sarx bejn id-difensuri tal-partijiet bil-ghan li tigi evitata kawza li tkun sejra

ssir. Il-kazijiet li l-konvenuta semmiet f'paragrafi 20 kien fihom cirkostanzi ghal kollox differenti. Is-sentenza:

(a) **Borg vs Grech proprio et nomine**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tal-25 ta' Jannar 2008, ma kellhiex x'taqsam ma' eccezzjoni ta' preskrizzjoni.
(b) **Grech et vs Amato et**, Prim'Awla tal-31 ta' Jannar 2001, il-korrispondenza kienet skambjata bejn l-avukati.

Mill-email tal-4 ta' Gunju, 2015 hu car li l-konvenuta kienet qeghda taccetta li thallas. Ghal finijiet ta' interruzzjoni jew rinunzja ta' preskrizzjoni, mhux importanti kemm. M'hemmx prova li f'dak l-istadju il-partijiet kienu qeghdin jipprovaw jikkonkludu transazzjoni li skont l-artikolu 1718 tal-Kodici Civili,

*"…. hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir".*

7. Fit-twegiba l-appellata ssostni li l-korrispondenza ma giet konfermata minn ebda xhud. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

i. Mill-process tal-ewwel qorti, jirrizulta li l-attrici pprezentat id-dokument waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju, 2013. Kopja tal-istess inghatat lill-konvenuta li m'oggezzjonatx ghalihom.
ii. Quddiem l-ewwel qorti l-konvenuta qatt ma kkontestat l-awtenticita tad-dokumenti.
iii. L-ewwel qorti ma qalitx li d-dokumenti ma kinux ammissibbli ghaliex ma gew konfermati minn ebda xhud.
iv. Jidher li kien biss fl-istadju ta' appell li l-konvenuta qajmet l-oggezzjoni dwar id-dokumenti li m'ghandhom l-ebda valur probatorju minhabba li ma gewx konfermati bil-gurament. L-affarijiet ma jsirxu b'dan il-mod. Jekk il-konvenuta riedet toggezzjona, il-mument propizju kien hekk kif gew prezentati d-dokumenti u mhux wara li nghatat is-sentenza mill-ewwel qorti.

8. F'kull kaz:

i. L-artikolu 1027 tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in ezami. L-azzjoni li pproponiet l-attrici m'hijiex azzjoni ta' *indebiti solutio*, li skont l-artikolu 1021 u 1022 hi mahsuba biex:

*"kull min jircievi sew xjentement jew bi zball haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili u lanqas naturali ghandu jroddha lil dak li min ghandu jkun irceviha bla jedd".*

Fil-kaz in ezami l-konvenuta ma rcevitx hlas li ma kienx dovut lilha, izda hlas li skont il-ligi kellha dritt tircievi fil-perjodu tal-*maternity leave*. Dan apparti li biex tirnexxi dik it-tip ta' azzjoni, is-*solvens* irid ikun hallas bi zball (ara **Alfred Tonna et vs Carmela Bugeja et**, Qorti tal-Appell, 8 ta' Frar, 1957 – Volum XLI.i.76). Ovvjament l-izball irid isehh fil-mument tal-hlas. F'dan il-kaz ma sar l-ebda zball meta sar il-hlas ghaliex skont il-ligi l-attrici kellha obbligu li matul il-*maternity leave* thallas il-pagi lill-konvenuta.

ii. L-artikolu 2153 tal-Kodici Civili jitratta dwar kawza *"ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat…."* L-azzjoni tal-lum m'ghandha x'taqsam xejn ma kawza ghad-danni akwiljani. Il-hlas qieghed jintalab lura ai termini tal-artikolu 36(20) tal-Kap. 452.

Fuq dan biss l-ewwel qorti kellha wkoll tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tat-28 ta' Settembru, 2016 u tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuta.**

**Tibghat l-atti lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smigh tal-kawza.**

Anthony Ellul.